**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A35-14

15 t' Ottubru 2014

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/35**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tlieta 21 t' Ottubru 2014 fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni dwar Expression of Interest – Perit tal-Kunsill
6. Affarijiet Oħra
7. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

04 ta’ Novembru 2014

Seduta Nru: 35 - KUNSILL LOKALI GŻIRA

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 21 t’ Ottubru 2014 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

Is-Sinjuri:

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Vincenza Attard, Charles Micallef St. John, J.M Muscat u Victor Rutter flimkien ma’ l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat:**

Il-Kunsillier Joe Camilleri minħabba li kien qed jattendi għall-laqgħa tar-Reġjun Ċentrali.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-15 t’ Ottubru 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Numru 34 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**2. Materji Konnessi**

**2.1** Paġna Nru: 2 – para 2.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li n-nefqa għall-attivita *Christmas Village* li saret fl-14 ta' Diċembru 2013 kienet ta' €8,086.53, liema nefqa kienet ħafna aktar minn dik mistennija.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel li għandu jżomm mad-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti

Iċ-*Chairman* informa li n-nefqa tal-kunċert li sar fid-29 t'Awwissu 2014 kienet ta' €3,424.93.

**2.2** Paġna Nru: 2 para 2.2 Iċ-*Chairman* qal li l-Perit tal-Kunsill kien ġie nfurmat bil-laqgħa li għandha ssir bejnu, il-Kunsill u l-kuntrattur dwar il-problema ta' l-ilma tax-xita fi Triq Carlo Manche' k/ma' Triq Ponsonby.

**2.3** Paġna Nru: 3 para 3.5 – Il-Viċi-Sindku qal li minn *site inspections* li kien għamel flimkien mall-kuntrattur irriżulta li kollha kienu għadhom fi stat tajjeb minbarra dik kantuniera ma' Triq Ponsonby.

Minħabba l-fatt li ser isir xogħol ta' kostruzzjoni fl-istess kantuniera ġie deċiż li r-rampa ma ssirx sakemm jispiċċa x-xogħol biex b'hekk nevitaw spejjeż żejda; liema fondi jkunu jistgħu jintużaw fuq proġetti oħra.

**2.4** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ftuħ uffiċjali mill-Onor. Justyne Caruana ta' l-*Active Ageing Centre* kien ser isir il-Ġimgħa 24 t'Ottubru 2014 fl-12.30 p.m. Kulħadd huwa mistieden biex jattendi.

Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jsir ġbir ta' kwotazzjonijiet sabiex jiġu nstallati sistemi tat-*telephone, internet* u tat-*television* fl-*Active Ageing Centre* b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsilliera Vincenza Attard.

**2.5** Paġna Nru: 4 para 6.6. Iċ-*Chairman* informa li Ms Priscilla Saliba impjegata mal-Kunsill Lokali bħala *Executive Officer* kienet bdiet il-ħidma tagħha fit-8 t'Ottubru 2014.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-kuntratt tas-Sinjura Marion Monaco jiġi estiż sa l-aħħar ta' Novembru 2014.

**2.6** Paġna Nru: 4 para 6.1 – Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kwotazzjoni *GLCQ003/2014-Christmas Lighting Decorations* ġiet ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 t'Ottubru 2014 u d-data ta' l-għeluq kienet it-Tnejn 3 ta' Novembru 2014 fl-12.00 pm

## 3. Korrispondenza

Ġiet ippreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-21 t' Ottubru 2014 kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom:

**3.1** Iċ-*Chairman* qal li kienet saret laqgħa flimkien mal-Perit tal-Kunsill fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa fejn irriżulta li anke jekk issir il-manutenzjoni meħtieġa kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti, il-Ġnien ma jistax jibqa' fil-qagħda li hu minħabba l-periklu li hemm u għalhekk, kien issuġġerixxa lill-Perit biex jintalab l-ammont ta' madwar €100,000 lill-*U.I.F.* u dan minħabba l-fatt li l-proġett tar-riġenerazzjoni tal-*Marina* kien għadu fl-appell u l-Kunsill ma setax jistenna aktar. Hu kompla jgħid li jekk il-Kunsill jingħata dawn il-fondi, jinxtara *playing field equipment* ġdid, logħob għat-tfal, jinbidel it-tapit, tinbidel is-sistema tad-dawl u tiġi nstallata *CCTV system* bħala deterrent għall-vandaliżmu.

Iċ-*Chairman* qal ukoll li għandna niktbu lill-BOV għall-*sponsorship.*

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mas-suġġeriment sopracitat kif ukoll tinħareġ Sejħa għall-Offerti wara li l-Perit tal-Kunsill jissottometti l-ispeċifikazzjonijiet b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**3.2** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien irċieva l-ammont ta' €1,000.00 li ngħata bħala *sponsorship* mid-ditta *GreenPak Ltd* bħala parti mill-*embellishment* ta' Pjazza Gerry Zammit.

**3.3** It-*Transport Malta* nfurmat permezz ta' korrispondenza datata 15 t'Ottubru 2014 li l-ħinijiet ta' l-*Alighting & Boarding Parking Bay tal-Happy Days Childcare Centre* f'Mistraħ Turu Colombo kienu: mid-*9.00 am – 9.30 am* u mis-*13.00 hrs sa 13.30 hrs & unrestricted Parking Remaining Hours.*

Għaldaqstant għandha tittieħed l-azzjoni neċessarja biex jinbidlu t-tabelli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-ħlasijiet Klg6/34 minn numru 1460 sa 1480 (*appendix* nru:1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopraċitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsilliera Vincenza Attard.

## 5. Diskussjoni dwar *Expression of Interest – Perit tal-Kunsill*

**5.1** Rigward is-suġġett sopracitat, ċ-*Chairman* qal li l-Kunsill ma jistax joħroġ *Expression of Interest* għall-Perit iżda Sejħa għall-Offerti ta' *Project Manager for*

*Architectural Services* li hija l-prassi li jinħarġu sejħiet għal dawn it-tip ta' servizzi.

Tqassmet kopja tat-*Terms of Reference* lill-membri tal-Kunsill u ċ-*Chairman* spjega l-punti saljenti fosthom dawk dwar il-*Health & Safety*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kusnill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li din is-Sejħa għall-Offerti tinħareġ u l-ammont ta' €50 għax-xiri tat-*tender.*

**6. Affarijiet Oħra**

**6.1** Iċ-*Chairman* qal li l-*Accountant* tal-Kunsill kienet bagħtet il-*Quarterly Report Lulju – Settembru 2014*. Huwa kompla jgħid li minħabba l-fatt li l-*Accountant* ma setgħetx tattendi għall-laqgħa għax kellha mpenn ieħor, din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**6.2** Iċ-*Chairman* nforma li kellu laqgħa mas-Sur Noel Calleja, Surmast ta' l-iskola primarja Gżira dwar attivita' kulturali b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali li kienet ser issir fil-11 ta' Novembru 2014 għat-tfal li jattendu din l-iskola.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier J.M Muscat għan-nefqa ta' €240 għat-trasport.

Iċ-*Chairman* qal li s-Sur Calleja kien talab jekk kienx possibbli li l-Kunsill jagħmel *parking bays* fil-bitħa ta' l-iskola fi Triq Madonna tal-Ġebla għal aktar sigurta' għat-tfal.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom isiru.

**6.3** Iċ-*Chairman* nforma li kellu kuntatt mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar li l-minuti tal-Kunsill ma kienux qed jiġu *uploaded* fuq il-*website* tal-Kunsill fil-ħin stipulat u jekk kienet teżisti xi problema fis-sistema, d-Dipartiment kien lest li joffri l-għajnuna tiegħu.

**6.4** Iċ-*Chairman* talab biex jerġa' jiġi ppubblikat l-avviż għall-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv fil-gazzetta tal-Gvern, jintbagħat lill-Kunsilli Lokali kollha u lil kull membru li hemm fil-*pool* tas-Segretarji Eżekuttivi fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**6.5** Il-Kunsillier Victor Rutter ta' rendikont tal-laqgħa Plenarja organizza ta mill-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali li saret il-Ġimgħa 17 u s-Sibt 18 t'Ottubru 2014, fid-*Dolmen Hotel*. Hu qal li matul din il-laqgħa li ħadet fit-tul, ġew diskussi materji li ma kellhomx x'jaqsmu mad-delega tal-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa attendha wkoll il-Kunsillier J.M. Muscat.

**6.6** Il-Kunsillier Charles Micallef St John nforma li l-Kummissjoni Żgħażagħ Każin tal-Banda Mount Carmel kienu ser jippubblikaw kalendarju u xtaqu jkunu jafu jekk il-Kunsill kienx dispost jippubblika avviżi fl-istess kalendarju.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat.

**7. Laqgħa Oħra**

**7.1** Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-6.00 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 4 ta' Novembru 2014 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali: Il-Gzira

Skeda Nru: KLG6/34

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/34 - 21.10.2014 **Data:** 08.10.2014 - 21.10.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Longbow Ltd | € 151.04 | € 151.04 | D | Litter Bags - The Strand | 06.10.2014 | 143965 | 1460 | | | 9177 |
| 2 | G4S Security Serv Malta | € 123.90 | € 123.90 | Q | Cash In Transit Sept 2014 | 30.09.2014 | GS010835 | 1461 | | | 9176 |
| 3 | Alfa Co Ltd | € 35.00 | € 35.00 | D | Rent - Sept 2014 - photocopier P. Library | 30.09.2014 | 12487 | 1462 | | | 9175 |
| 4 | Squire BookShop | € 73.58 | € 73.58 | D | Stationery | 08.08.2014 | 09665 | 1463 | | | 9174 |
| 5 | J.F. Mallia Ltd | € 153.00 | € 153.00 | D | Maint Street Lighting | 08.10.2014 | 1166 | 1464 | | | 9173 |
| 6 | MITA | € 29.81 | € 29.81 | D | e-mail a/c January - March 2014 Councillors | 07.10.2014 | SIN030685 | 1465 | | | 9178 |
| 7 | MITA | € 29.81 | € 29.81 | D | e-mail a/c April - June 2014 Councillors | 09.10.2014 | SIN030753 | 1466 | | | 9179 |
| 8 | Michael Genovese | € 24.00 | € 24.00 | Q | Binding of Council Minutes 2012/2013 | 15.10.2014 | 6191236 | 1467 | | | 9180 |
| 9 | David Collict | € 663.00 | € 663.00 | Q | Fittings & Labour Active Ageing Centre | 16.10.2014 | 7-474963 | 1468 | | | 9181 |
| 10 | Permanent Sec Min for Tourism | € 70.00 | € 70.00 | D | Advert Malta Indep.Tender GLCT002/2014 | 30.09.2014 | | 1469 | | | 9191 |
| 11 | J.Bugeja & Associates | € 179.45 | € 179.45 | T | C/M Fee Pjazza Gerry Zammit | 17.10.2014 | rfp 1379 | 1470 | | | 9183 |
| 12 | J. Bugeja & Associates | € 75.61 | € 75.61 | T | Arch Serv January - July 2014 | 17.10.2014 | rfp 1380 | 1471 | | | 9184 |
| 13 | GO plc | € 40.86 | € 40.86 | D | Tel 21322157 Calls Sept Rent Oct 2014 | 13.10.2014 | 40321744 | 1472 | | | 9169 |
| 14 | GO plc | € 20.38 | € 20.38 | D | Tel 21341616 Calls Sept Rent Oct 2014 | 13.10.2014 | 40321316 | 1473 | | | 9170 |
| 15 | GO plc | € 34.05 | € 34.05 | D | 21334254/21341034 Calls Sept. Rent Oct 2014 | 13.10.2014 | 40321312 | 1474 | | | 9171 |
| 16 | EM Cleaning Services | € 5,590.50 | € 5,590.50 | T | Door to Door Collection October 2014 | 31.10.2014 | 144 | 1475 | | | 9185 |
| 17 | EM Cleaning Services | € 836.06 | € 836.06 | T | Public Convenience October 2014 | 31.10.2014 | 145 | 1476 | | | 9186 |
| 18 | EM Cleaning Services | € 432.87 | € 432.87 | T | Skip Hire - October 2014 | 31.10.2014 | 146 | 1477 | | | 9187 |
| 19 | EM Cleaning Services | € 1,263.57 | € 1,263.57 | T | Bulky Service - Sept. 2014 - 231 Calls | 31.10.2014 | 147 | 1478 | | | 9188 |
| 20 | Alexandra Galea | € 375.00 | € 375.00 | Q | Craft Lessons - October 2014 | 31.10.2014 | 60 | 1479 | | | 9189 |
| | Sub Total c/f | € 10,201.49 | € 10,201.49 | | | | | | | | |
| | Total | € 10,201.49 | € 10,201.49 | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/34 21.10.2014 **Data:** **08.10.2014 - 21.10.2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Ms Nathalie Camilleri | € 295.11 | € 295.11 | | Q | Librarian Services - October 2014 | 31.10.2014 | 015 | 1480 | | | 9190 |
| 22 | Gzira Local Council | | | | | Honoraria & Wages | | | | | | |
| 23 | | | | | | | | | | | | |
| 24 | | | | | | | | | | | | |
| 25 | | | | | | | | | | | | |
| 26 | | | | | | | | | | | | |
| 27 | | | | | | | | | | | | |
| 28 | | | | | | | | | | | | |
| 29 | | | | | | | | | | | | |
| 30 | | | | | | | | | | | | |
| 31 | | | | | | | | | | | | |
| 32 | | | | | | | | | | | | |
| 33 | | | | | | | | | | | | |
| 34 | | | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| Sub Total c/f | € 295.11 | € 295.11 |
| Sub Total b/f | € 10,201.49 | € 10,201.49 |
| Total | € 10,496.60 | € 10,496.60 |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier